MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2003

Numru. 799/2002

PULIZIJA
SPETTUR ALEXANDRA MAMO
VS
XAVIER K/A FRANKIE MICALLEF

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Xavier k/a Frankie Micallef ta' 41 sena, bin Emanuel u Margaret Micallef, imwieled Victoria Ghawdex, nhar il-11 t'Awissu 1961 u residenti Farmhouse, Mgarr Road, Victoria Ghawdex detentur ta' karta tal-identita numru 36461G talli f'dawn il-gzejjer, f'dawn l-ahhar snin, fil-15 ta' Lulju 2002 u/jew fix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:
B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq

hadiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ta’ aktar minn Lm200 ghad-dannu tas-socjeta Traplas Ltd u persuni ohra dan bi ksur tal-artikoli 308, 309 u 310(1) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tat-12 ta’ Gunju 2003 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 308, 309 u 310(1) tal-kap 9 u Art 22 tal-kap 446 u tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.

--------------------------------TMIEM--------------------------------